SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba' Awla)

14 ta' Diċembru 2017*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili – Regolament (KE) Nru 805/2004 – Kamp ta' applikazzjoni – Titolu eżekuttiv Ewropew għad-debiti mhux ikkontestati – Titoli eżekuttivi li jistgħu jiġu ċċertifikati bħala titolu eżekuttiv Ewropew – Deċiżjoni dwar l-ammont tal-ispejjeż legali li tinsab f'sentenza li ma tirrigwardax debitu mhux ikkontestat – Esklużjoni"

Fil-Kawża C-66/17,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mis-Sąd Rejonowy Poznań-Grunwald i Jeżyce w Poznaniu (il-Qorti Distrettwali ta' Poznań-Grunwald u Jeżyce bis-sede tagħha f'Poznań, Il-Polonja), permezz ta' deċiżjoni tal-31 ta' Jannar 2017, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-7 ta' Frar 2017, fil-proċedura

Grzegorz Chudaś,

Irena Chudaś

vs

DA Deutsche Allgemeine Versicherung Aktiengesellschaft AG,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba' Awla),

komposta minn A. Rosas, President tal-Awla, C. Toader (Relatur) u A. Prechal, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: Y. Bot,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-Gvern Pollakk, minn B. Majczyna, bħala aġent,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. Wilderspin u A. Stobiecka-Kuik, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Pollakk.

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4(1) u tal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 805/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li joħloq Ordni Ewropew ta' Infurzar [Titolu Eżekuttiv Ewropew] għal talbiet mhux kontestati (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 7, p. 38).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' tilwima bejn Grzegorz Chudaś u Irena Chudaś, minn naħa, u DA Deutsche Allgemeine Versicherung Aktiengesellschaft, min-naħa l-oħra, dwar talba intiża għaċ-ċertifikazzjoni bħala titolu eżekuttiv Ewropew ta' deċiżjoni dwar l-ammont tal-ispejjeż legali li tinsab f'sentenza li ma tirrigwardax debitu mhux ikkontestat.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Skont il-premessi 4 sa 7 tar-Regolament Nru 805/2004:

"(4) Fit-30 ta' Novembru 2000, il-Kunsill adotta programm ta' miżuri għall-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali [ĠU 2001, c 12, p. 1]. Dan il-programm jinkludi fl-ewwel stadju tiegħi t-tneħħija ta' exequatur, jiġifieri, il-ħolqien ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar [Titolu Eżekuttiv Ewropew] għal talbiet [debiti] mhux kontestati.

(5) Il-kunċett ta' 'talbiet mhux kontestati' għandu ikopri s-sitwazzjonijiet kollha li fihom kreditur, minħabba n-nuqqas verifikat ta' xi disputa mid-debitur dwar in-natura jew il-limitu tat-talba ta' flus, ikun kiseb jew deċiżjoni tal-qorti kontra d-debitur jew dokument ta' infurzar li jeħtieġ il-kunsens espress tad-ebitur, sew jekk ikun settlement tal-qorti jew strument awtentiku.

(6) In-nuqqas ta' oġġezzjonijiet mid-debitur kif stipulati fl-Artikolu 3(1)(b) jistagħu jieħu l-forma ta' nuqqas li jidher fi smigħ tal-qorti jew nuqqas li jikkonforma ma' talba tal-qorti li jagħti avviż bil-miktub tal-ħsieb tiegħu li jiddefendi l-każ.

(7) Dan ir-Regolament għandu japplika għal sentenzi, settlement tal-qorti u strumenti awtentiċi dwar talbiet mhux kontestati u għad-deċiżjonijiet mogħtija wara kontestazzjonijiet għal sentenzi, settlement tal-qorti u strumenti awtentiċi ċertifikati bħala Ordnijiet Ewropej ta' Infurzar."

4 L-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament, intitolat "Kamp ta' applikazzjoni", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Dan ir-Regolament għandu japplika fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali independentament min-natura tal-qorti jew tat-tribunal. M'għandux jikkonċerna, b'mod partikolari, kwistjonijiet dwar dħul ta' flus, dwana jew ta' amministrazzjoni jew ir-responsabbiltà ta' l-Istat għal atti u ommissjonijiet fl-eżerċizzju ta' l-awtorità ta' Stat ('acta iure imperii')."

5 L-Artikolu 3 tal-imsemmi regolament, intitolat "Drittijiet ta' infurzar [Titoli eżekuttivi] li għandhom jiġu ċertifikati bħala Ordni Ewropew ta' Infurzar [titolu eżekuttiv Ewropew]", jipprovdi, fil-paragrafu 1(b) tiegħu:

"Dan ir-Regolament għandu japplika għal sentenzi, settlement tal-qorti, u strumenti awtentiċi dwar talbiet [debiti] mhux kontestati.

Talba titqies bħala mhux kontestata jekk:

[…]

(b) id-debitur ma jkun oġġezzjon[a] qatt għalih, b'konformità mal-ħtiġiet relevanti proċedurali taħt il-liġi ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini, fil-kors tal-proċeduri tal-qorti; […]"

6 L-Artikolu 4 tal-istess regolament jipprovdi li:

"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

1. 'sentenza': kull sentenza mogħtija minn qorti jew tribunal ta' Stat Membru, irrispettivament x'tissejjaħ dik is-sentenza, inkluż digriet, ordni, deċiżjoni jew mandat ta' eżekuzzjoni, kull ukoll l-istabbiliment tan-nefqiet jew l-ispejjeż minn uffiċjal tal-qorti;

2. 'talba [debitu]': talba għal ħlas ta' somma speċifika ta' flus li tkun saret dovuta jew li dwarha d-data debita tkun indikata fis-sentenza, settlement tal-qorti jew strument awtentiku;

[…]"

7 Taħt it-titolu "Ħtiġiet għal ċertifikazzjoni bħala Ordni Ewropew ta' Infurzar [titolu eżekuttiv Ewropew]", l-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 805/2004 jipprovdi, fil-paragrafu 1(a) tiegħu:

"Sentenza dwar talba [debitu] mhux kontestata mwassla fi Stat Membru għandha, ma' l-applikazzjoni f'kull żmien tal-qorti ta' oriġini, tiġi ċertifikata bħala Ordni Ewropew ta' Infurzar jekk:

(a) is-sentenza tkun tista' tiġi nfurzata fl-Istat Membru ta' l-oriġini".

8 L-Artikolu 7 ta' dan ir-regolament, intitolat "Nefqiet relatati ma' proċeduri tal-qorti", huwa fformulat kif ġej:

"Fejn sentenza tinkludi deċiżjoni li tista' tiġi nfurzata fuq l-ammont tan-nefqiet li jirrelataw mal-proċeduri tal-qorti, inklużi r-rati ta' mgħax, din għandha tiġi ċertifikata bħala Ordni Ewropew ta' Infurzar ukoll fir-rigward tan-nefqiet kemm-il darba d-debitur ma jkunx speċifikament oġġezzjona għall-obbligu tiegħu li jġorr dawk in-nefqiet fil-kors tal-proċeduri tal-qorti, skont il-liġi tal-Istat Membru tal-oriġini."

9 Skont l-Artikolu 16 tal-imsemmi regolament, intitolat "Provvista lid-debitur ta' informazzjoni debita dwar it-talba [debitu]", jipprovdi:

"Sabiex jiġi żgurat lid-debitur kien provdut b'informazzjoni debita dwar it-talba [debitu], id-dokument li jistitwixxi l-proċeduri jew dokument ekwivalenti għandu jkun fih dan li ġej:

[…]

(b) l-ammont tat-talba;

[…]"

10 Taħt il-Kapitolu VII tar-Regolament Nru 805/2004, intitolat "Relazzjoni ma' Strumenti Oħra tal-Komunità", l-Artikolu 27 ta' dan ir-regolament, hu stess intitolat "Relazzjoni mar-Regolament (KE) Nru 44/2001", jipprovdi:

"Dan ir-Regolament ma għandux jeffettwa l-possibbiltà li jitfittex rikonoxximent u infurzar, skond ir-Regolament [tal-Kunsill] (KE) Nru 44/2001, [tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42)]", ta' sentenza, settlement ta' qorti jew strument awtentiku dwar talba [debitu] mhux kontestata."

Id-dritt Pollakk

11 Konformement mal-Artikolu 189 tal-ustawa– Kodeks postępowania cywilnego (il-Liġi dwar il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili), tas-17 ta' Novembru 1964 (Dz. U. Nru 43, pożizzjoni 296), kif emendata (verżjoni kkonsolidata Dz. U. tal-2016, pożizzjoni 1822) (iktar 'il quddiem il-"KPĊ"), individwu jista' jressaq quddiem il-qorti talba sabiex tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' relazzjoni ġuridika jew ta' dritt, sa fejn huwa jkollu interess leġittimu.

12 Skont l-Artikolu 108(1) tal-KPĊ, f'kull deċiżjoni li ttemm l-istanza, tingħata deċiżjoni fuq l-ispejjeż.

13 Skont l-Artikoli 339 u 340 tal-KPĊ, sentenza fil-kontumaċja tingħata meta l-konvenut ma jkunx deher għas-seduta u ma jkunx ressaq osservazzjonijiet oralment jew bil-miktub. L-Artikolu 343 tal-KPĊ jipprovdi li sentenza fil-kontumaċja hija nnotifikata liż-żewġ partijiet *ex officio* bl-indikazzjoni tar-rimedji disponibbli għalihom. Skont l-Artikolu 344(1) tal-KPĊ, il-konvenut li kontra tiegħu ngħatat is-sentenza fil-kontumaċja jista' jressaq oppożizzjoni fi żmien żewġ ġimgħat mid-data li fiha jkun ġie nnotifikat bis-sentenza. Konformement mal-punt 9 tal-Artikolu 394(1) u mal-Artikolu 394(2) tal-KPĊ, parti tista' tadixxi fi żmien ġimgħa l-Qorti tal-Appell b'kontestazzjoni kontra d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ewwel Istanza dwar ir-rimbors tal-ispejjeż u l-kundanna għall-ispejjeż, jekk hija ma tkunx ressqet appell fil-mertu.

14 Mill-kliem tal-Artikolu 795[1] tal-KPĊ jirriżulta li l-qorti li tat deċiżjoni għandha toħroġ, fuq it-talba tal-kreditur, ċertifikat ta' titolu eżekuttiv Ewropew, jekk din id-deċiżjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet iddefiniti mir-Regolament Nru 805/2004.

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

15 Peress li G. u I. Chudaś adixxew lis-Sąd Rejonowy Poznań-Grunwald i Jeżyce w Poznaniu (il-Qorti Distrettwali ta' Poznań-Grunwald u Jeżyce bis-sede tagħha f'Poznań, il-Polonja) b'talba sabiex jiġi kkonstatat li nkiseb dritt ta' proprjetà fuq vettura bil-mutur, din il-qorti stiednet lil DA Deutsche Allgemeine Versicherung Aktiengesellschaft, stabbilita f'Oberursel (il-Ġermanja), sabiex tintervjeni fil-proċedura bħala konvenuta.

16 Kopja tal-att promotur tal-istanza, flimkien ma' traduzzjoni fil-lingwa Ġermaniża, u l-konvokazzjoni għad-seduta tat-18 ta' Mejju 2016 ġew innotifikati fit-30 ta' Marzu 2016 bil-posta lil DA Deutsche Allgemeine Versicherung Aktiengesellschaft, u din tal-aħħar setgħet tressaq l-osservazzjonijiet tagħha fi żmien 30 jum. Din il-kumpannija ma ressqitx osservazzjonijiet u lanqas ma dehret għad-seduta.

17 F'dawn iċ-ċirkustanzi, fit-18 ta' Mejju 2016, is-Sąd Rejonowy Poznań-Grunwald i Jeżyce w Poznaniu (il-Qorti Distrettwali ta' Poznań-Grunwald u Jeżyce bis-sede tagħha f'Poznań) tat sentenza fil-kontumaċja li permezz tagħha dik il-qorti kkonstatat li G. u I. Chudaś kienu kisbu d-dritt ta'

proprjetà fuq il-vettura bil-mutur ikkonċernata u, konsegwentement, DA Deutsche Allgemeine Versicherung Aktiengesellschaft ġiet ikkundannata tħallashom l-ispejjeż legali f'ammont ta' PLN 3 900 zlote Pollakki (madwar EUR 921).

18 Fl-4 ta' Lulju 2016, kopja tal-imsemmija sentenza, tradotta fil-lingwa Ġermaniża, ġiet innotifikata bil-posta lil DA Deutsche Allgemeine Versicherung Aktiengesellschaft, fil-post tas-sede tagħha, bl-indikazzjoni tal-possibbiltà li tressaq oppożizzjoni fi żmien ġimagħtejn u tal-possibbiltà li tressaq, fi żmien ġimgħa, kontestazzjoni dwar l-ispejjeż legali.

19 Peress li DA Deutsche Allgemeine Versicherung Aktiengesellschaft ma ressqitx azzjoni kontra s-sentenza tat-18 mai 2016, din saret definittiva fid-19 ta' Lulju 2016.

20 Fil-11 ta' Ottubru 2016, G. u I. Chudaś bdew il-proċedura fil-kawża prinċipali intiża għaċ-ċertifikazzjoni bħala titolu eżekuttiv Ewropew tal-parti li tirrigwarda l-ispejjeż legali tas-sentenza tat-18 ta' Mejju 2016.

21 Essenzjalment, il-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar il-kwistjoni ta' jekk tali talba taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 805/2004.

22 F'dan ir-rigward, hija tipprovdi li mill-interpretazzjoni litterali tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 805/2004 jista' jirriżulta, b'mod partikolari mill-użu tat-terminu "ukoll", li ċertifikat ta' titolu eżekuttiv Ewropew jista' jinħareġ biss, fir-rigward tal-ispejjeż legali, meta d-deċiżjoni fil-mertu tikkonċerna debitu mhux ikkontestat u tkun tista' tiġi ċċertifikata hija stess bħala titolu eżekuttiv Ewropew.

23 Mill-banda l-oħra, ma jistax jiġi eskluż, skont il-qorti tar-rinviju, li analiżi teleoloġika tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 805/2004 twassal sabiex jitqies li d-deċiżjonijiet relatati mal-ispejjeż legali jistgħu jikkostitwixxu deċiżjonijiet dwar debiti mhux ikkontestati, li jiġġustifikaw iċ-ċertifikazzjoni bħala titolu eżekuttiv Ewropew, skont dan ir-regolament.

24 F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-Sąd Rejonowy Poznań-Grunwald i Jeżyce w Poznaniu (il-Qorti Distrettwali ta' Poznań-Grunwald u Jeżyce bis-sede tagħha f'Poznań) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 4(1) flimkien mal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 805/2004 […] għandhom jiġu interpretati fis-sens li deċiżjoni dwar ir-rimbors tal-ispejjeż tal-proċeduri, inkluża f'sentenza li tikkonstata l-eżistenza ta' dritt, tista' tiġi kkonfermata bħala Titolu eżekuttiv Ewropew?"

Fuq id-domanda preliminari

25 Bid-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 805/2004 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li deċiżjoni eżekuttiva dwar l-ammont tal-ispejjeż legali, li tinsab f'sentenza li ma tirrigwardax debitu mhux ikkontestat, tista' tiġi ċċertifikata bħala titolu eżekuttiv Ewropew.

26 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-kwistjoni ta' jekk l-azzjoni fil-kawża prinċipali taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament sa fejn id-deċiżjoni li tagħha G. u I. Chudaś jitolbu ċ-ċertifikazzjoni bħala titolu eżekuttiv Ewropew tipprevedi biss il-parti li tirrigwarda l-ispejjeż legali ta' sentenza li, hija stess, minħabba s-suġġett prinċipali tagħha, jiġifieri l-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' dritt ta' proprjetà, ma twassalx għall-eżekuzzjoni u ma taqax għalhekk fil-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmi regolament.

27 Il-kamp ta' applikazzjoni materjali tar-Regolament Nru 805/2004 jirriżulta, b'mod partikolari, mid-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikolu 2(1), tal-Artikolu 3(1) u tal-Artikolu 4(2) ta' dan ir-regolament li skonthom dan japplika fil-qasam ċivili u kummerċjali, għad-deċiżjonijiet, għat-tranżazzjonijiet ġudizzjarji u għall-atti awtentiċi li jirrigwardaw debiti mhux ikkontestati, filwaqt li dawn tal-aħħar huma ddefiniti bħala dritt għal somma flus iddeterminata li jkun sar eżegwibbli jew li d-data ta' skadenza tiegħu tkun ġiet indikata f'dawn id-deċiżjonijiet, it-tranżazzjonijiet ġudizzjarji jew l-atti awtentiċi.

28 Sabiex deċiżjoni tkun tista' tiġi ċċertifikata, skont l-Artikolu 6 tal-imsemmi regolament, bħala titolu eżekuttiv Ewropew, din għandha tirrigwarda debitu mhux ikkontestat u għandha tissodisfa ċerti kundizzjonijiet stipulati f'dan l-artikolu. Waħda mill-kundizzzjonijiet ta' din iċ-ċertifikazzjoni hija dik prevista fil-paragrafu 1(a) tal-imsemmi artikolu, jiġifieri li d-deċiżjoni tkun eżegwibbli skont id-dritt tal-Istat Membru tal-oriġini.

29 Fir-rigward tal-ispejjeż legali, ir-Regolament Nru 805/2004 jipprevedi dispożizzjonijiet speċifiċi. Skont l-Artikolu 7 tiegħu, meta deċiżjoni tinkludi deċiżjoni eżekuttiva dwar l-ammont tal-ispejjeż legali, din hija ċċertifikata bħala titolu eżekuttiv Ewropew fir-rigward ta' dawn l-ispejjż sakemm, matul il-proċedura ġudizzjarja, id-debitur ma jkunx speċifikament oġġezzjona għall-obbligu tiegħu li jassumi l-imsemmija spejjeż, skont il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru tal-oriġini.

30 Mill-kliem ta' din id-dispożizzjoni tal-aħħar jirriżulta, kif ġustament irrilevaw il-Gvern Pollakk u l-Kummissjoni Ewropea, li deċiżjoni relatata mal-ispejjeż legali ma hijiex meqjusa bħala deċiżjoni awtonoma fl-ambitu tar-Regolament Nru 805/2004, billi dan japplika għal tali spejjeż biss meta dawn ikunu inklużi, b'mod anċillari, f'deċiżjoni prinċipali. Fil-fatt, l-użu tat-terminu "ukoll" fil-kliem tal-Artikolu 7 ta' dan ir-regolament jindika li "deċiżjoni eżekuttiva dwar l-ammont tal-ispejjeż legali" hija ċċertifikata bħala titolu eżekuttiv Ewropew meta d-deċiżjoni prinċipali tirrigwarda, konformement mas-suġġett tal-imsemmi regolament, debitu mhux ikkontestat.

31 Din il-konklużjoni ma tistax titqiegħed f'dubju mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 805/2004, intitolat "Definizzjonijiet". F'dan ir-rigward, huwa veru, minn naħa, li l-Artikolu 4(1) ta' dan ir-regolament jiddefinixxi "sentenza" bħala li tinkludi kull deċiżjoni mogħtija minn qorti ta' Stat Membru, inkluż b'mod partikolari "l-istabbiliment tan-nefqiet jew l-ispejjeż minn uffiċjal tal-qorti". Min-naħa l-oħra, deċiżjoni eżekuttiva dwar l-ammont tal-ispejjeż legali tikkostitwixxi, fil-prinċipju, "talba [debitu]", fis-sens tad-definizzjoni ta' dan il-kunċett li jidher fl-Artikolu 4(2) tal-imsemmi regolament.

32 Madankollu, kif jirriżulta mill-punt 29 ta' din is-sentenza, skont dispożizzjonijiet speċifiċi relatati mal-ispejjeż legali previsti fl-Artikolu 7 ta' dan ir-regolament, deċiżjoni dwar l-ammont ta' tali spejjeż ma tistax tiġi ċċertifikata bħala titolu eżekuttiv Ewropew indipendentement mid-deċiżjoni prinċipali li tirrigwarda debitu mhux ikkontestat. Sa fejn id-deċiżjoni li tirrigwarda dawn l-ispejjeż hija intrinsikament marbuta mas-segwitu mogħti lill-azzjoni prinċipali li, hija waħidha, tiġġustifika ċ-ċertifikazzjoni ta' deċiżjoni bħala titolu eżekuttiv Ewropew, id-definizzjonijiet ipprovduti fl-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament ma jistgħux ikollhom effett fuq l-applikabbiltà stess tal-imsemmi regolament.

33 Sa fejn il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-kwistjoni ta' jekk l-għanijiet tar-Regolament Nru 805/2004 jistgħux iwasslu għal konklużjoni differenti, għandu jitfakkar li l-għan prinċipali ta' dan l-istrument huwa, konformement mal-Artikolu 1 tiegħu, li jinħoloq titolu eżekuttiv Ewropew għad-debiti mhux ikkontestati bil-ħsieb, permezz tal-istabbiliment ta' standards minimi, li tiġi żgurata ċ-ċirkulazzjoni libera tad-deċiżjonijiet, tat-tranżazzjonijiet ġudizzjarji u tal-atti awtentiċi fl-Istati Membri kollha, mingħajr ma jkun meħtieġ li tiġi użata proċedura intermedjarja fl-Istat Membru tal-eżekuzzjoni qabel ir-rikonoxximent tal-eżekuzzjoni. Madankollu, filwaqt li jitqies li l-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu derogatorju mis-sistema komuni ta' rikonoxximent ta' sentenzi stabbilit minn dan

ir-regolament jeħtieġu interpretazzjoni stretta (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Marzu 2012, G, C-292/10, EU:C:2012:142, punt 64), dan l-għan ma jistax jitfa' f'dubju l-interpretazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmi regolament li tirriżulta mit-test tal-Artikolu 7 tiegħu.

34 Fil-każ ineżami, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-azzjoni prinċipali li tat bidu għall-proċedura fil-kawża pinċipali kienet tirrigwarda talba għal dikjarazzjoni tal-eżistenza ta' dritt fuq beni mobbli, jiġifieri vettura partikolari, u mhux debitu mhux ikkontestat. Billi tali azzjoni ma taqax taħt ir-Regolament Nru 805/2004, deċiżjoni dwar l-ammont tal-ispejjeż legali marbuta ma' din l-azzjoni lanqas ma tista' tiġi ċċertifikata bħala titolu eżekuttiv Ewropew skont dan ir-regolament.

35 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, għad-domanda li saret għandha tingħata r-risposta li l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 805/2004 għandhom jiġu interpretati fis-sens li deċiżjoni eżekuttiva dwar l-ammont tal-ispejjeż legali, inkluża f'sentenza li ma tirrigwardax debitu mhux ikkontestat, ma tistax tiġi ċċertifikata bħala titolu eżekuttiv Ewropew.

Fuq l-ispejjeż

36 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 805/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li joħloq Ordni Ewropew ta' Infurzar [Titolu Eżekuttiv Ewropew] għal talbiet mhux kontestati, għandhom jiġu interpretati fis-sens li deċiżjoni eżekuttiva dwar l-ammont tal-ispejjeż legali, inkluża f'sentenza li ma tirrigwardax debitu mhux ikkontestat, ma tistax tiġi ċċertifikata bħala titolu eżekuttiv Ewropew.

Firem